d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-Malti u bl-Ingliż;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

U

AND

iii.(a) ikollhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 kretti ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti*) fl-Accountancy jew ikollhom kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy;

iii. (a) in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVETS credits of equivalent*) in Accountancy or a recognised comparable professional qualification a MQF Level 7 in Accountancy;

*Kwalifiki ta' Masters rikonuxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent ta' Masters mill-MFHEA li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Baċċelarat fl-Accountancy ekwivalenti għal MQF Livell 7 se jkun ikkunsidrat ukoll.

U

(b) warrant ta' Practicing Certificate in Auditing maħruġ mill-Accountancy Board ta' Malta jew konferma bil-miktub maħruġa mill-istess Board li jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji rilevanti biex jipposedu dan il-warrant sal-għeluq ta' din is-sejħa.

U

iv. ikollhom ħames (5) snin esperjenza maniġerjali rilevanti li tista' tiġi kkunsidrata mill-amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun ippruvata b'evidenza rilevanti.

v. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

*A recognised qualification comparable to 60 ECTS/ECVETS credits, as applicable, is only accepted subject to an MFHEA formal recognition statement being submitted with the application. A Bachelors degree in Accountancy, equivalent to MQF Level 7 will also be considered.

AND

(b) a warrant of Practicing Certificate in Auditing issued by the Accountancy Board of Malta or a written confirmation issued by the said Board that they satisfy the relative statutory requirements for the possession of such a warrant by the closing day of this call.

AND

iv. with five (5) years relevant management experience that may be considered by the administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

v. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/stream tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq ilbażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw issnin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-Ministeru li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss salħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-Ministeru minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din issejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.8 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MFHEA, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by the HR Unit of the Ministry issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing Ministry (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.8 Prospective applicants should note the requirement to produce MFHEA recognition statements in respect of their qualifications from MFHEA, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.6 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tar-Reklutaġġ, Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2022. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 L-applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.6, have proven relevant work experience .

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Recruitment Section, Ministry for Finance and Employment through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Monday, 11th July, 2022. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mill-(recruitment.mfe@gov.mt). Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tas-Sezzjoni huma (https://finanzi.gov.mt) u (recruitment.mfe@gov.mt).

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from (recruitment.mfe@gov.mt). These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (https://finance.gov.mt) and (recruitment.mfe@gov.mt).

L-24 ta' Ġunju, 2022

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA

Post ta' Uffiċjal tal-Istatistika

Permess tal-Jobsplus 838/2021
Jobsplus Vacancy (377893)

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

1.0 Iċ-Chairman tal-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (MSA) jilqa' applikazzjonijiet għal xogħol ta' Uffiċjal tal-Istatistika mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. L-impjegat prospettiv ikun jagħmel parti minn wieħed mid-diversi sezzjonijiet tal-Uffiċċju, li jiddependi mill-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-impjegat u l-esiġenzi tal-Uffiċċju.

1.1 Din is-sejħa hija opportunità eċċezzjonali għall-kandidati b'ambjent ta'esperjenza edukattiva fl-Istatistika, fil-Matematika u/jew fl-Ekonomija.

1.2 Minbarra livell eċċellenti fil-ħila tal-komunikazzjoni interpersonali, il-kandidati magħżula għandhom ikollhom ħila u sengħa fl-analiżi numerika.

Pakkett tax-Xogħol

2.0 Skont it-termini tal-Ftehim Kollettiv li jorbot lill-impjegati kollha tal-MSA bejn l- 2017-2022, il-grad ta' Uffiċjal tal-Istatistika jaqa' fl-iskala tas-salarju tlieta (3) li jibda minn €26,969 għas-sena 2022, b'żidiet ta' kull sena li huma suġġetti għal prestazzjoni tajba ta' xogħol.

24th June, 2022

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Post of Statistician

Jobsplus Permit 838/2021
Jobsplus Vacancy – (377893)

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

1.0 The Chairman of the Malta Statistics Authority (MSA) invites applications for the post of Statistician within the National Statistics Office (NSO). The prospective employee will be deployed in horizontal or technical units according to their area of specialisation and the exigencies of the institution.

1.1 The post is a great career opportunity for prospective candidates with an academic background in Statistics, Mathematics and/or Economics.

1.2 Besides an excellent level of interpersonal and communication skill, the successful candidate must have sound numerical and analytical skills

Work Package

2.0 In terms of the Collective Agreement binding all MSA employees for the period 2017-2022, the post of Statistician falls within Salary Scale 3 with a salary commencing at €26,969 for the year 2022, rising by annual increments subject to a positive employee performance review.

2.1 L-Uffiċċju joffri ambjent tax-xogħol attraenti, assigurazzjoni tas-saħħa, inċentivi għal studju kontinwu kif ukoll miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja.

Termini u Kundizzjonijiet

3.0 Din il-ħatra hija bbażata fuq kuntratt indefinit li huwa suġġett għal perjodu ta' prova ta' tnax-il xahar (12).

3.1 Diment li ma ssirx talba mill-maniġment minħabba l-eżiġenzi tal-Uffiċċju, mhux possibbli li tintalab transfer interna qabel ma jgħaddu sentejn (2) mill-bidu tax-xogħol.

3.2 Il-kandidat magħżul huwa meħtieġ illi jiffirma kuntratt li jiddikjara lilu nnifsu responsabbli għall-impenji li huwa magħżul għalihom.

3.3 Ir-riżultat jibqa' validu għal sena (1) mid-data ta' pubblikazzjoni.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet ta' Uffiċjal tal-Istatistika jinkludu:

a. Jiddisinja pjan ta' metodi u proċeduri, sabiex tinġabar l-informazzjoni minn stħarriġ u sorsi amministrattivi;

b. Jikkontribwixxi fl-iżvilupp ta' proċessi innovattivi għall-fini ta' ġbir tal-informazzjoni, u għoddod analitiċi;

c. Jivverifika l-informazzjoni sabiex isib l-ineżatezzi, u japplika metodi statistiċi sabiex jindirizza dawn il-limitazzjonijiet;

d. Janalizza informazzjoni ekonomika, ta' negozji u dik soċjali, kemm f'totali kollettivi, kif ukoll dik mhux analizzata jew korretta;

e. Jikkontribwixxi fil-preparazzjoni u kitba ta' rapporti ta' natura statistika, sabiex jiġu ppublikati;

f. Jgħin jibni u jżid il-fiduċja fl-istatistika, billi juża l-linji gwida tal-Uffiċju Nazzjonali tal-Istatistika, u l-prinċipji tal-kodiċi prattiċi tal-Istatistika Ewropeja;

g. Jidentifika l-ħtiġijiet tal-klijenti, u jippreżenta xi riżultati mill-informazzjoni miġbura;

h. Jinterpreta l-analiżi tal-informazzjoni għall-fini ta'żvilupp ta' Politika Pubblika;

i. Jipparteċipa u jikkontribwixxi fir-riċerka;

2.1 The Office also offers a friendly working environment, a health insurance policy, policies to support further study and family- friendly measures such as flexible working arrangements.

Terms and Conditions

3.0 This appointment is on an indefinite contractual basis. The first twelve (12) months are subject to a probationary period.

3.1 It will not be possible to request an internal transfer before a two (2) year period from date of appointment as long as such request does not come from senior management due to work exigencies of the Office.

3.2 The selected candidate will be required to sign an undertaking signifying their commitment to the assignment for which they are selected.

3.3 The interview result will be valid for a period of one (1) year from the date of publication.

Duties

4.1 The duties of a Statistician include:

a. Designing methods and procedures for obtaining data, such as surveys and administrative sources;

b. Contributing to the development of innovative data collection and analytical tools;

c. Verifying data for inaccuracies and applying statistical methods to address such limitations;

d. Analysing data in economic, business and social fields, in both aggregate and raw form;

e. Contributing to the writing of reports and the preparation of data for publication;

f. Helping to build confidence in statistics using the guidelines of the National Statistics Office and the principles of the European Statistics Code of Practice;

g. Identifying client needs and presenting findings;

h. Interpreting statistical analysis for policy development;

i. Participating in and contributing to research;

j. Jsegwi u jieħu sehem f'laqgħat ta' taħdit ta' natura statistika, kemm dawk nazzjonali, kif ukoll dawk internazzjonali;

k. Jesegwixxi xi dmirijiet u xogħlijiet anċillari li jistgħu jiġu assenjati mis-superjuri.

4.2 Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol tista' tinkiseb mingħand il-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff fi ħdan l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Rekwiżiti

5.0 Applikanti għal dan ir-rwol għandu jkollhom:

a. Ċertifikat fil-livell ta' MQF Livell 6 f'suġġett relevanti fil-qasam;

b. Użu tajjeb tal-Ingliż, flimkien ma' użu tajjeb fil-Malti jew lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni Ewropeja;

c. Kondotta tal-Pulizija nadifa (maħruġa fl-aħħar 6 xhur).

5.1 Applikanti prospettivi huma mitluba jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-MQRIC fejn jidħlu kwalifiċi tal-MQRIC jew awtoritajiet oħra skont il-kundizzjonijiet stipulati minn din is-sejħa.

5.2 Ladarba jissottomettu evidenza li jinsabu fil-fażi finali tal-kors tagħhom, il-kandidati li għadhom ma kisbux formalment il-kwalifiki speċifikati f'artiklu 5.0 jkunu kkunsidrati.

Sottomissjoni ta' Dokumenti Mitluba:

6.0 Applikanti għandhom jibagħtu ittra ta'applikazzjoni, curriculum vitae (CV), kopji taċ-ċertifikati u traskrizzjoni tar-riżultati u l-formola tal-kunsens għall-protezzjoni tad-*data* personali lill-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Iżvilupp tal-Istaff, permezz ta' email, sa nofsinhar ħin Ċentrali Ewropew, tal-Ġimgħa, 8 ta' Lulju, 2022.

6.1 Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'dan l-indirizz (careers.nso@gov.mt) bit-titlu "Post vakanti ta' Uffiċjal tal-Istatistika".

6.2 Il-formola għall-kunsens tal-protezzjoni tad-data tista' titniżżel mis-sit tal-NSO fuq (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) u tiġi sottomessa mad-dokumentazzjoni mitluba f'artiklu 6.0.

6.3 Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

j. Following and taking part in national and international statistical fora;

k. Carrying out ancillary duties as may be assigned by superiors.

4.2 A detailed job description can be obtained from the Head of Unit - Human Resources and Staff Development, at the NSO.

Eligibility Requirements

5.0 Applicants for this post must:

a. Be in possession of a recognised Certificate at MQF Level 6 in a relevant subject area;

b. Demonstrate a good command of the English language, together with Maltese or another official European language;

c. Be in possession of a clean Police Conduct (issued within the last 6 months).

5.1 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications.

5.2 Candidates who have not yet formally obtained the qualifications specified in article 5.0 will still be considered, provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualifications.

Submission of Supporting Documentation:

6.0 Applicants are to send a letter of application, curriculum vitae (cv), copies of qualification certificates and transcript of results, and a data protection consent form to the Head of Human Resources and Staff Development by noon Central European Time, of Friday, 8th July, 2022.

6.1 Applications are to be sent to (careers.nso@gov.mt) with the subject caption "Vacancy for the post of Statistician".

6.2 A data protection consent can be downloaded from the NSO website, (https://nso.gov.mt/en/nso/Pages/Careers.aspx) and submitted with other supporting documentation as outlined in article 6.0.

6.3 Late applications will not be considered.

6.4 Ċertifikati oriġinali u/jew referenzi għandhom jiġu ppreżentati waqt l-intervista.

6.5 L-applikazzjonijiet milqugħa jiġu rikonoxxuti.

6.6 Hija r-responsabbiltà tal-applikant li jivverifika li l-applikazzjoni tiegħu tkun waslet fil-ħin sabiex tkun iproċessata mill-Bord tal-Għażla.

Proċedura tal-Għażla

7.0 Dawk eliġibbli jiġu evalwati mill-Bord tal-Għażla sabiex jiddeterminaw humiex xierqa għal dax-xogħol.

7.1 L-ogħla marka fil-proċess tal-għażla hi 100% u sabiex wieħed jgħaddi jrid jaqbeż 50%.

7.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li, minbarra li jkollhom ir-rekwiżiti skont artiklu 5.0, juru li għandhom esperjenza relatata tax-xogħol.

Noti Oħra

8.0 L-MSA toffri opportunitajiet ta' xogħol indaqs, li jfisser li l-Awtorità hi impenjata li toffri kundizzjonijiet ugwali fil-qasam tax-xogħol.

L-24 ta' Ġunju, 2022

PARLAMENT TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal Professjonali II (Accounts) fil-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta

Permess ta' Jobsplus Nru. 330/2022

Is-Servizz Parlamentari jistieden applikazzjonijiet għall-post ta' Uffiċjal Professjonali II (Accounts) fil-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta.

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, applikanti għandu jkollhom:

(i) post-graduate degree (Masters) f'Livell 7 tal-MQF, jew ogħla, (suġġett għal minimum ta' 60 krettu ETS/ECVETS jew ekwivalenti) fl-Accountancy, ACCA jew kwalifika rikonoxxuta komporabbli fl-Accountancy; U

(ii) Warrant ta' Accountant Pubbliku Ċċertifikat maħruġ mill-Bord tal-Accountancy ta' Malta jew konferma bil-miktub mill-imsemmi Bord li jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal tali warrant sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa; U

6.4 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

6.5 All applications received will be acknowledged.

6.6 It is the responsibility of the applicant to verify that his application was received on time for processing by the Selection Board.

Selection Procedure

7.0 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.1 The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in article 5.0, have proven relevant work experience.

Other

8.0 The MSA is an equal opportunities employer, which means that it is committed to providing equality of opportunity in employment.

24th June, 2022

PARLIAMENT OF MALTA

Post of Professional Officer II (Accounts) in the House of Representatives, Parliament of Malta

Jobsplus Permit No. 330/2022

The Parliamentary Service invites applications for the post of Professional Officer II (Accounts) in the House of Representatives, Parliament of Malta.

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be in possession of:

(i) a recognized post-graduate degree (Masters) or higher, at MQF Level 7 or higher (subject to a minimum of 60 ETS/ECVETS credits or equivalent) in Accountancy, ACCA or a recognized comparable qualification in Accountancy; AND

(ii) a warrant of Certified Public Accountant issued by the Accountancy Board of Malta or a written confirmation issued by said Board that they satisfy the relative statutory requirements for the possession of such a warrant by the closing date of this call; AND

(iii) prova ta' sentejn (2) esperjenza f'pożizzjoni komparabbli.

Il-pożizzjoni toffri pakkett finanzjarju attraenti ta' 'l fuq minn €33,000, kif ukoll performance bonus annwali u benefiċċji oħra.

Applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, għandhom jintbagħtu lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, Misraħ il-Ħelsien, Il-Belt Valletta VLT 1010, jew sottomessi b'mod elettroniku fl-indirizz (clerkofthehouse@parlament.mt) mhux aktar tard minn nofsinhar (12.00 p.m.) tal-Ġimgħa, l-1 ta' Lulju, 2022.

L-24 ta' Ġunju, 2022

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI

Ordni Numru 1 tal-2022 maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni

Din l-Ordni qed tiġi maħruġa mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawn izjed 'il quddiem 'l-Awtorità') a tenur tal-artikolu 47(4) tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta) li jagħti s-saħħa lill-Awtorita li b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern temenda d-drittijiet, kondizzjonijiet u proċeduri dwar id-drittijiet ta' użu għal spektrum tar-radju fejn l-Awtorità tqis li l-emendi huma żgħar u wara jkunu ġew maqbula mad-detentur tad-drittijiet biex jsiru dawn l-emendi.

GO plc (reġistrazzjoni tal-kumpanija numru C 22334) hi d-detentur ta' Liċenzja b'referenza MCA/L/21-4192 imsemmija bħala 'a Licence for the Grant of Rights of use of radio spectrum for the establishment and operation of a digital terrestrial television network' (hawn iżjed 'il quddiem imsemmija bħala 'l-Liċenzja'), liema Liċenzja tiskadi fit-30 ta' Ġunju, 2022.

L-Awtorità tqis li pendenti l-konklużżjoni tal-proċess marbut mat-tranżizzjoni minn DVB-T għal teknoloġija alternattiva, hu meħtieġ li tiġi emendata d-data ta' skadenza tal-Liċenzja mit-30 ta' Ġunju, 2022 għat-28 ta' Frar, 2023, dan biex jiġi assikurat li drittijiet ta' użu ta' spektrum tar-radju mogħtija mill-Liċenzja jibqgħu jissussistu sat-28 ta' Frar, 2023 meta hu previst li din it-tranżizzjoni tkun kompletata. Din għandha tassikura l-kontinwita tad-disponibbilità ta l-ispektrum relatat man-network għax-xandir ta' televiżjoni diġitali terrestri diġa msemmi.

(iii) proof of two (2) years' experience in a comparable position.

The position carries an attractive financial package of over €33,000, as well as a yearly performance bonus and other benefits.

Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received by the Clerk of the House of Representatives, Parliament of Malta, Misraħ il-Ħelsien, Valletta VLT 1010, or submitted electronically on the email address (clerkofthehouse@parlament.mt) by not later than noon (12.00 p.m.) of Friday, 1st July, 2022.

24th June, 2022

MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

Order Number 2 of 2022 issued by the Malta Communications Authority

This Order is being issued by the Malta Communications Authority (hereafter the 'Authority') in accordance with article 47(4) of the Electronic Communications (Regulation) Act (Chapter 399 of the Laws of Malta) which empowers the Authority by order in the Government Gazette to amend the rights, conditions and procedures concerning rights of use for radio spectrum where the Authority considers that amendments are minor and after the agreement with the holder of the rights to make such amendments.

GO plc (company registration number C 22334) holds Licence with reference MCA/L/21-4192 entitled 'a Licence for the Grant of Rights of Use of radio spectrum for the establishment and operation of a digital terrestrial television network' (hereafter referred to as 'the Licence'), which Licence expires on the 30th June, 2022.

The Authority considers that pending the transition from DVB-T to an alternative technology, it is necessary to amend the expiry date of the Licence from the 30th June, 2022 to the 28th February, 2023, this in order to ensure that the rights of use of radio spectrum granted by the Licence continue to subsist until the 28th February, 2023 by when it is envisaged that such transition will be final. This shall ensure the continued availability of spectrum in relation to the aforementioned terrestrial digital television broadcasting network.

Għalhekk l-Awtorità a tenur ta' din l-ordni qed temenda il-kliem '30th June 2022' kull fejn jidhru fil-Liċenzja bil-kliem 28 February 2023'.

L-24 ta' Ġunju, 2022

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)

Statut Rivedut

Ordni Nru. 10

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut ta' 'KopTaCo Coaches Co-Operative Limited' ġie rivedut u emendat. Il-Bord tal-Koperattivi approva dan l-istatut rivedut fit-30 ta' Mejju, 2022.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

It-30 ta' Mejju, 2022
(CB 34/79/45)

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 11

Ngħarrfu b'dan illi saru emendi fir-regola numru 14, fir-regola numru 34 u fir-regola numru 52 fl-istatut ta' 'Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal (K.I.M) Ltd'. Dawn l-emendi ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fit-30 ta' Mejju, 2022, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

It-30 ta' Mejju, 2022
(CB 34/79/18)

Therefore the Authority by virtue of this order is amending the words "30th June 2022" wherever they occur in the Licence with the words "28 February 2023".

24th June, 2022

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Revised Statute

Order No. 10

It is hereby notified that the statute of 'KopTaCo Coaches Co-Operative Limited' has been revised and amended. The Co-operatives Board approved the revised statute on the 30th May, 2022.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

30th May, 2022

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rules in Statute

Order No. 11

It is hereby notified that amendments have been made to rule number 14, rule number 34 and rule number 52 to the statute of 'Pig Breeders Co-operative Society Ltd'. The Co-operatives Board has duly registered these amendments on the 30th May, 2022, in accordance with article 35 of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

30th May, 2022

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Soċjetà

Ordni Nru. 9

Billi Ramla Sunbeds and Umbrellas Co-op Limited li ġiet reġistrata fl-24 ta' Awwissu, 2015, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 100 (2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Numru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u appunta lis-Sur Stephen Balzan ta' Providence 104, Triq il-Qroll, Birżebbuġa BBG 2442, bħala likwidatur.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

It-30 ta' Mejju, 2022
(CB 5/22)

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)

Winding up Order of a Society

Order No. 9

Whereas Ramla Sunbeds and Umbrellas Co-op Limited which was registered on the 24th August, 2015, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of section 100 (2) of the Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Stephen Balzan of 'Providence', 104, Triq il-Qroll, Birżebbuġa BBG 2442, to be liquidator.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

30th May, 2022

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

AVVIŻ – 22 ta' Ġunju 2022

Business Enhance

L-Ewwel Sejħa taħt Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme

Pjan ta' ta' Rkupru u Resiljenza

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u l-Artijiet (MEFL), li hija l-istituzzjoni inkarigata mit-twettiq tal-Investiment C1-I1 'Għotjiet immirati għar-rinnovament ta' bini tas-settur privat għar-retrofitting u l-effiċjenza enerġetika fil-bini.' L-istruttura ta' ġestjoni hija stabbilita permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza għal Malta

MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

ANNOUNCEMENT – 22nd June, 2022

Business Enhance

Call 1 under the Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme

Recovery and Resilience Plan for Malta

The Measures and Support Division, within the Ministry for the Economy, European Funds and Lands (MEFL), is the institution in charge of the implementation of investment C1-I1 'Grants targeting renovation of private sector buildings for retrofitting and energy efficiency'. The management structure is established by Council Implementing Decision on the approval of the assessment of the Recovery and Resilience Plan for Malta 11941/21 and supporting Annex

11941/21 appoġġat minn Anness ADD 1, bir-Regolament (UE) 2021/241 u tal-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea stabbilit minn Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094.

Taħt dan l-investiment, l-iskema imsejħa Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme - ġiet imnedija fit-13 ta' Ġunju 2022:

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport tixtieq tħabbar is-sejħa li ġejja taħt l-iskema ta' għajnuna identifikata:

L-Ewwel Sejħa ta' Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme

Din is-sejħa se tinħareġ nhar l-1 ta' Lulju 2022 u ser tagħlaq f'nofsinhar tal-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022.

Se ssir Sessjoni ta' Informazzjoni għall-applikanti prospettivi fis-Sala tas-Sular ta' Isfel f'The Oaks Business Centre, Block B, Triq Farsons, Il-Ħamrun, ĦMR1321 nhar it-Tlieta, 12 ta' Lulju, 2022 fl-10.00 a.m.

Se jsiru wkoll 2 Sessjonijiet ta' Informazzjoni onlajn nhar l-Erbgħa, 13 ta' Lulju u 20 ta' Lulju, fl-10.00 a.m. u l-4.00 p.m. rispettivament.

Min jixtieq jipparteċipa huwa mitlub jirreġistra onlajn minn fuq (https://businessenhance.gov.mt).

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar dawn is-sejħiet, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni jistgħu jinkisbu minn fuq (https://businessenhance.gov.mt) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u s-Sapport permess ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635.

L-24 ta' Ġunju, 2022

ADD 1, by Regulation (EU) 2021/241 and of the European Union Recovery Instrument set up by Council Regulation (EU) 2020/2094.

Under this investment, the Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme was launched on 13th June, 2022.

The Measures and Support Division would like to announce the following call under the identified aid scheme, as follows:

Call 1 Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme

This call will be issued on 1st July, 2022 and will close at noon on Friday, 30th September, 2022.


An in-person information Session will be held for prospective applicants in the Groundfloor Hall at The Oaks Business Centre, Block B, Triq Farsons, Ħamrun, ĦMR1321 on Tuesday, 12th July, 2022 at 10.00 a.m.

Two online information sessions will be held on on Wednesday 13th and 20th July, 2022, at 10.00 a.m. and 4.00 p.m. respectively.

Interested participants are requested to register online through (https://businessenhance.gov.mt).

Further information on this call including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation may also be obtained from (https://businessenhance.gov.mt) or by contacting the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt or 2555 2635.

24th June, 2022





Funded by the European Union
NextGenerationEU

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET

AVVIŻ – 22 ta' Ġunju 2022
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off dates

Tnedija tal-1 Sejħa SME Growth Grant Scheme (2nd Issue)

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2014-2020

It-trawwim ta' ekonomija kompetittiva u sostenibbli li tilqa' l-isfidi tagħna

Id-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet (MEFL), maħtura mill-Awtorità ta' Ġestjoni f'Malta għall-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 biex isservi bħala l-Korp Intermedjarju responsabbli mill-amministrazzjoni tal-iskemi ta' għajnuna għall-intrapriżi taħt il-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew 2014-2020, tavża cut-off dates li jmiss għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet taħt l-inizjattiva Business Enhance ERDF Grant Schemes.

Id-dati ta' cut-off sal-aħħar ta' Settembru 2022 qed jitħabbru għal dawn is-Sejħiet:

Call 2 - e-Commerce Grant Scheme
Call 3 - Start-up Investment Grant Scheme
Call 2 - SME Diversification and Innovation Grant Scheme
Call 1 - SME Internationalisation Grant Scheme
Call 2 - SME Consultancy Services Grant Scheme

Id-dati ta' cut-off jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet kif elenkati:

30 ta' Ġunju, 2022
29 ta' Lulju, 2022
31 ta' Awwissu, 2022
30 ta' Settembru, 2022

Minbarra id-dati ta' hawn fuq, għall-iskemi ta' Call 2 - e-Commerce Grant Scheme u Call 2 - SME Consultancy Services Grant Scheme, is-Sejħiet miftuħin għandhom ukoll dati ta' cut-off f'nofs ix-xahar li jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet elenkati:

15 ta' Lulju, 2022
12 ta' Awwissu, 2022
16 ta' Settembru, 2022

Din id-Diviżjoni tħabbar ukoll it-tnedija tal-1 Sejħa SME Growth Grant Scheme (2nd Issue). L-applikazzjonijiet għal din l-iskema ser jinfetħu fl-1 ta' Lulju, 2022. Id-dati ta' cut-

MINISTRY FOR THE ECONOMY, EUROPEAN FUNDS AND LANDS

ANNOUNCEMENT – 22nd June 2022
Business Enhance ERDF Grant Schemes
Open Rolling Calls – Cut-off dates

Launch Call 1 SME Growth Grant Scheme (2nd Issue)

Operational Programme I – Cohesion Policy 2014-2020

Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges

The Measures and Support Division within the Ministry for the Economy, European Funds and Lands (MEFL), designated by the Managing Authority for Cohesion Policy 2014-2020 as the Intermediate Body responsible for administering aid schemes for enterprises under the European Regional Development Fund (ERDF) 2014 – 2020, would like to announce the next cut-off dates for the submission of applications under the Business Enhance ERDF Grant Schemes initiative.

The cut-off dates are being announced for the following open Calls:

Call 2 - e-Commerce Grant Scheme
Call 3 - Start-up Investment Grant Scheme
Call 2 - SME Diversification and Innovation Grant Scheme
Call 1 - SME Internationalisation Grant Scheme
Call 2 - SME Consultancy Services Grant Scheme

The cut-off dates are set at noon of the following dates:

30th June, 2022
29th July, 2022
31st August, 2022
30th September, 2022

In addition to the above, the Call 2 - e-Commerce Grant Scheme and Call 2 - SME Consultancy Services Grant Scheme have mid-monthly cut-off dates set at noon of the following dates:

15th July, 2022
12th August, 2022
16th September, 2022

The Measures and Support Division would also like to announce the launch of Call 1 SME Growth Grant Scheme (2nd Issue). Applications for this scheme shall open on 1st

off sal-aħħar ta' Settembru 2022 għal din is-Sejħa jiskadu f'nofsinhar tal-ġranet kif elenkati:

29 ta' Lulju, 2022
31 ta' Awwissu, 2022
30 ta' Settembru, 2022

Aktar tagħrif u dokumentazzjoni dwar dawn is-sejħiet, inklużi n-Noti Gwida rispettivi u l-Linji Gwida tal-Implimentazzjoni jistgħu jinkisbu minn (https://businessenhance.gov.mt) jew billi tikkuntattja lid-Diviżjoni tal-Miżuri u Sapport permezz ta' (msd.eufunds@gov.mt) jew fuq 2555 2635.


L-24 ta' Ġunju, 2022

July, 2022. The cut-off dates for this Call until end September 2022 are set at noon of the following dates:

29th July, 2022
31st August, 2022
30th September, 2022

Further information on these calls including the respective Guidance Notes and the Guidelines for Implementation may be obtained from (https://businessenhance.gov.mt) or by contacting the Measures and Support Division on (msd.eufunds@gov.mt) or 2555 2635.

24th June, 2022



Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
'It-Trawwim ta' Ekonomija Kompetittiva u Sostenibbli li tilqa' l-Isfidi Tagħna'
Avviż parzjalment iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi mill-UE; 20% Fondi Nazzjonali



Operational Programme I – European Structural and Investment Funds 20142020
'*Fostering a competitive and sustainable economy to meet our challenges*'
Advt part-financed by the European Regional Development Fund
Cofinancing rate: 80% European Union; 20% National Funds

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf illi bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq Hompesch (mir-roundabout ta' Bieb Hompesch sar-roundabout ta' Triq is-Sur) se tkun magħluqa għat-traffiku minn nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju, 2022, mis-7 a.m. sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 25 ta' Ġunju, 2022. Fl-istess ġurnata mhux se jkun permess parkeġġ fi Triq Hompesch (mir-roundabout ta' Bieb Hompesch sar-roundabout ta' Triq is-Sur).

L-24 ta' Ġunju, 2022

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

